DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 192506** **21.11.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, jinnota b'dispjaċir l-inċidenti xejn paċifiċi li seħħew ilbieraħ ħdejn il-bini tal-Parlament, fejn membri tal-Kamra ġew imfixkla u insulentati waqt li kienu ħerġin mill-Parlament.

Is-Sedja tara li għandhom jittieħdu l-passi fil-konfront ta' dawk il-persuni li eċċedew il-limitu u kissru l-liġi b'mod manifest, inkluż bi vjolenza u danni volontarji fil-konfront tar-rappreżentanti tal-poplu.

L-Ispeaker tal-Kamra jisħaq li dan l-aġir xejn responsabbli jista' jiġi meqjus ukoll bħala li jikkostitwixxi reat kontra l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113).

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt